**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 88 / 17RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**L-Avukat Victor B u l-Prokuratur Legali Rita Drago li gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti El C El D u b'digriet datat 30 ta' Mejju 2017, il-Prokuratur Legali Rita Drago giet sostitwita bil-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti izzewget lill-konvenut fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi ghalkemm mhux legalment isseparata minn ma' zewgha, l-partijiet ilhom separati 'de facto' ghal dawn l-ahhar tnax-il sena;

4. Illi hija giet abbandunata minn zewgha El C El D madwar tnax-il sena ilu, meta huwa halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrent ma ghandiex hjiel ta' fejn dan qieghed jirrisjedi u lanqas m'ghandha kuntatt mieighu;

5. Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma’ zewgha giet reza impossibli;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzioni ma’ zewgha;

7. Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

8. Illi r-rikorrent taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimediabbilment u ssussidjarjament minhabba abbandun da parti tal-konvenut u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun jikkunsidrata li minnha huwa kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-konvenut;

3. Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;

4. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fl-1 ta’ Gunju 2017 li maghha annettiet ic-certifikat taz-zwieg;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma’ nota ipprezentata fil-11 ta’ Lulju 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-11 ta' Lulju 2017, Fol 30, ikkonfermat li saret taf lill-konvenut, El C El Assar fis-sena 2003 meta kellha xi 20 sena. Hi kienet toqghod f'Santa Lucija u f'dak iz-zmien kienu marru joqghodu fl-istess inhawi group ta' zaghzagh Gharab u hi kienet ghamlet hbieb mieghu billi kienet tiltaqa' mieghu hdejn il-bandli f'Santa Lucija. Hu kien jaf jitkellem Malti tajjeb u bdew johorgu flimkien. Hu kien akbar minnha fl-eta', kellu xi 27 sena.

Minn wara gimghatejn li bdew johorgu flimkien hu kien diga' beda jsemmhilha z-zwieg. Hi tghid "Huwa kien hadli mohhi biex nizzewwgu, u jiena f'dak iz-zmien, ta' tifla li kont, ma kellhiex pjanijiet biex nizzewweg, izda huwa kien ippressani hafna, u kien il-hin kollu jsemmieli z-zwieg".

Hi tiftakar li meta qalilha biex tizzewwgu kien xtralha curkett biex jikkonvinciha u taccetta. Hi lil ommha ma qaltilha b'xejn billi kienet taf li ommha ma kinitx tkun kuntenta li hi tohrog ma Gharbi.

Ghalkemm fil-bidu kienet kontra li tizzewweg biz-zmien bdiet tibdel fehemtha, bejn ghax hu baqa' dejjem jinsisti maghha, kif ukoll peress li hi xtaqet l-indipendenza taghha, ghar-raguni li f'dak iz-zmien kien ikollha hafna argumenti u glied kbir ma ommha li ma kinitx kuntenta li hi kienet qed tohrog ma' wiehed Gharbi. Dan il-glied zdied meta qalet lill-ommha li kienet ser tizzewwgu u billi ma setghetx toqghod taht l-istess saqaf ma' ommha baqghet ghadejja bil-pjan taz-zwieg.

Hi kkonfermat li l-konvenut kien ha hsieb ta' kollox partikolarment dwar d-dokumenti li kien hemm bzonn mill-Insinwa. Hu kien jaf ezatt x'kien hemm bzonn bhala dokumenti. Kien qalilha li ma riedx li jittiehdu ritratti fit-tieg billi ma kienx hemm bzonnhom u kienu zejda.

Huma izzewwgu f'Novembru 2003 u marru joqghodu f'dar zghira fil-Marsa. Ghall-ewwel ftit gimghat il-konvenut kien baqa' jghix hemm pero' wara ftit zmien kien beda jhalliha wahedha u hu kien johrog ghall-hinijiet twal u hi lanqas kienet tkun taf fejn kien ikun. Hi bdiet tiddejjaq b'dan l-atteggjament tieghu u xi tlett xhur wara z-zwieg telqghet mid-dar tal-Marsa u regghet marret tghix ghand ommha f'Santa Lucija. Wara li telqghet mid-dar il-konvenut qatt ma rega' ikkomunika maghha.

Hi kkonfermat li ma kellhom xejn flimkien la karozzi u lanqas propjeta'. Ma kellhomx tfal.

Hi kkonfermat li minn mindu telqghet mid-dar tal-Marsa lill-konvenut qatt ma regghet ratu u ma tafx x'sar minnu, u ma ghandha l-ebda informazzjoni fejn jinsab. Hi kienet anke marret id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni biex tinfurmahom li ma kinitx taf fejn jinsab il-konvenut. Minn dak iz-zmien qatt ma regghet ratu u ma tafx x'sar minnu.

Il-konvenut hu assenti, u hu rapprezentat minn kuraturi. Ma jirrizultax li gietipprezentata risposta mill-konvenuti kuraturi u wisq anqas saret xi prova da parti tal-konvenut.

Ghalkemm iz-zwieg gie celebrat fis-6 ta' Novembru 2003, l-attrici pprezentat din il-kawza fil-11 ta' April 2017, erbatx il-sena wara z-zwieg, u fit-18 ta' April 2017, gimgha wara, pprezentat rikors, Fol 18, biex il-kawza tinstema' bl-urgenza billi ddikjarat li riedet tizzewweg f'Mejju tal-istess sena. It-talba ghall-urgenza giet michuda b'digriet tal-20 ta' April 2017, Fol 20.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-partijiet izzewwgu bir-Registru fis-6 ta' Novembru 2003. L-attrici qed titlob li jigi dikjarat id-divorzju billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u minnhabba l-abbandun da parti tal-konvenut. Mill-affidavit tal-attrici rrizulta li l-konvivenza tal-partijiet wara li zzewwgu kienet ghal zmien qasir hafna, billi tlett xhur wara z-zwieg l-attrici kienet gja' telqet mid-dar matrimonjali u rritornat ghand ommha f'Santa Lucija. Hi kkonfermat li minn dak iz-zmien, cioe' Frar 2004, qatt ma regghet ikkommunikat mal-konvenut u la taf fejn kien jinsab dak iz-zmien u wisq anqas illum. L-attrici kkonfermat li ma kellhomx tfal u li ma xtraw xejn fiz-zmien li kienu jikkoabitaw f'dawk il-ftit xhur wara z-zwieg.

Fir-raba' premessa tar-rikors guramentat gie dikjarat li sa min dak iz-zmien il-konvenut halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura f'Malta.

L-Artikolu 66B tal-Kap 16 jelenka il-kondizzjonijiet mehtiega ghall-divorzju u cioe' li l-partijiet ikunu 'de facto' separati ghal erba snin fil-hames snin precedenti l-prezentata tar-rikors, li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-konjugi u l-ulied ikunu qed jircievu manteniment adegwat.

Fil-kaz in ezami dawn ir-rekwiziti gew soddisfatti billi l-partijiet ilhom separati 'de facto' minn Frar 2004, il-kawza giet ipprezentata fil-11 ta' April 2017. Dan iffisser li ilhom separati 13 il-sena; ma hemm assolutament l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni billi l-konvenut qatt ma kkomunika mal-attrici minn mindu hi telqghet mid-dar matrimonjali ghall-habta ta' Frar 2004 u hi ma ghandha l-ebda hjiel ta' fejn jinsab. Huma ma kellhomx tfal ghalhekk it-tielet rekwizit mhux applikabbli ghall-kaz.

Skond l-Artikolu 66E tal-Kap 16 meta fuq talba ta' wahda mill-partijiet il-Qorti issib li l-parti l-ohra kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg skond l-artikoli 38, 40 u 41 il-Qorti tista' tapplika 'mutatis mutandis' l-provvedimenti tal-artikolu 48 kontra dik il-parti.

L-attrici ddikjarat li giet abbandunata mill-konvenut anqas minn tlett xhur wara z-zwieg. Hi tghid li baqa' jghix maghha ftit gimghat u wara beda johrog u jhalliha wahedha. Kien johrog ghall-hinijiet twal u hi ma kinitx taf fejn kien jmur, qatt ma kien jghidliha. Hi hasset li giet abbandunata minnu tant li ma fellhitx izjed u regghet marret tghix ghand ommha. Minn dak iz-zmien, cioe' tlett xhur wara z-zwieg, hi qatt ma regghet iltaqghet mal-konvenut. Hu qatt ma pprova jikkomunika maghha, qisu qatt ma kien xejn. Hi la kienet taf fejn kien dak iz-zmien u wisq anqas illum li ghaddew kwazi 14 il-sena.

Dwar l-abbandun, fil-kawza fl-ismijiet " **Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech et noe"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal li:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni hemm bzonn li (1) jkun ta' perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minnghajr giusta kawza."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 intqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skond il-kaz, minnghajr raguni tajba".

Fil-kaz in ezami, rrizulta sufficjentement ippruvat li l-konvenut abbanduna lill-attrici minghajr gusta kawza,wara biss ftit xhur u illum ghaddew snin twal ferm aktar minn sentejn.

F'dawn ic-cirkostanzi partikolari t-talbiet tal-attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba abbandun;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tawtorizzha tghix separatament mill-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu likwidati u divizi.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**